MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 2145/1998/1

***Star Industries Limited***

***Versus***

***I.D.S. Limited***

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin lira u sittin ċenteżmu (Lm1,674.60), bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugħa lis-soċjetà konvenuta. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż tal-kawża u dawk ta' ittra interpellatorja, ta' ittra uffiċjali u ta' mandat kawtelatorju.

Is-soċjetà attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tas-27 ta' Novembru 1998 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuta ressqet l-eċċezzjoni ta' ħlas.

B'dikriet tas-27 ta' Novembru 1998 ukoll, il-qorti ħatret perit sabiex jeżamina l-kontijiet tal-partijiet u jirrelata dwarhom, iżda, billi l-partijiet ma wrewx interess u l-kawża għalhekk ma setgħetx timxi, il-qorti ħassret il-ħatra tal-

perit b'dikriet tat-18 t'Ottubru 2001. Fid-29 ta' Jannar 2002 il-partijiet flimkien talbu illi jerġa' jinħatar il-perit, u l-qorti b'dikriet mogħti dakinhar laqgħet it-talba u reġgħet ħatret lill-perit, illi eventwalment ħalef ir-rapport fl-4 ta' Lulju 2003.

Mix-xhieda li nġabret quddiem il-perit ħareġ illi l-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar jekk sarx ħlas għal tliet konsenji li għalihom is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi ħlas ta' elf, ħames mija u wieħed u sittin lira u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm1,561.96). Il-perit sab illi fuq id-*delivery notes* relativi għal dawn il-konsenji tidher il-firma ta' min kien jirċievi l-konsenji għall-konvenuta, u illi l-fatturi jaqblu mad-*delivery notes* ħlief għal *item* wieħed fejn hemm diskrepanza fil-prezz. Biex tagħmel tajjeb għal din id-diskrepanza l-attriċi naqqset il-pretensjoni tagħha minn elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin lira u sittin ċenteżmu (Lm1,674.60), mitluba fiċ-ċitazzjoni, għal elf, ħames mija u wieħed u sittin lira u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm1,561.96).

Il-qorti taqbel mal-perit illi l-provi juru illi tassew saru dawn il-konsenji. Il-konvenuta, li fuqha issa jaqa' l-oneru tal-prova tal-ħlas, ma għamlitx dik il-prova.

B'nota tal-10 ta' Lulju 2003 il-konvenuta talbet il-ħatra ta' periti addizzjonali, iżda fis-seduta tal-21 t'Ottubru 2003 talbet illi, minflok, tagħmel eskussjoni. Il-perit wieġeb għall-mistoqsija li l-qorti ħalliet illi ssirlu b'nota tal-20 t'April 2004. Billi l-qorti hija tal-fehma illi l-konklużjonijiet tal-perit huma tajba, u msaħħa bil-provi, ma jidhrilhiex li hemm ħtieġa għall-ħatra ta' periti addizzjonali u għalhekk tiċħad it-talba magħmula bin-nota tal-10 ta' Lulju 2003.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni ta' ħlas, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi elf, ħames mija u wieħed u sittin lira u sitta u disgħin ċenteżmu (Lm1,561.96), flimkien ma' l-imgħaxijiet fuqha u l-ispejjeż kollha mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------